

[Dan il-messaġġ awtorizzat qiegħed jintbagħat mill-Bank Ċentrali Ewropew]

Numru ta' referenza tad-debitur tariffarju: XXXX

Isem id-Debitur Tariffarju: xxxx

Jekk jogħġbok uża din il-[link](#) jekk tixtieq taqra l-ittra b'lingwa oħra.

Għal min hu interessat

Qegħdin niktbulek fil-kariga tiegħek ta' debitur tariffarju rreġistrat [mal-portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#), tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) sabiex nagħtuk informazzjoni li tappartjeni għaċ-ċiklu superviżorju tal-ħlas tal-BĊE 2021.

X'hemm ġdid għaċ-ċiklu ta' tariffi superviżorji tal-BĊE tal-2021?

- Ġie stabbilit proċess online li jippermetti lid-debituri tat-tariffi tal-gruppi bankarji jissottomettu notifikati lill-BĊE permezz tal-portal online. Aktar dettalji dwar il-proċess il-ġdid jistgħu jinstabu hawn taħt.
- Il-BĊE reċentement aġġorna t-[taqsima tat-Tariffi Superviżorji](#) tal-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE biex tinkludi informazzjoni utli, fil-lingwi kollha tal-UE, li tappartjeni għaċ-ċiklu tal-ħlas tal-2021.
- L-iskadenzi importanti fir-rigward taċ-ċiklu tal-ħlas tal-2021 huma ddettaljati hawn taħt.

Sat-30 ta' Settembru 2021 id-debituri tariffarji kollha huma mitluba jlestu l-passi li ġejjin.

1. Jiżguraw li d-**dettalji ta' kuntatt** miżmuma taħt il-[portal onlajn tal-BĊE](#) huma korretti. Huwa essenzjali li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati - partikolarment l-indirizz tal-email preferut tiegħek, billi l-BĊE jikkomunika mad-debituri tariffarji primarjament permezz ta' dan il-kanal. Il-verifika tad-dettalji tal-kuntatt tiegħek hija wkoll opportunità tajba għalik biex tiċċekkja d-dettalji tal-ħlas tiegħek (IBAN u BIC) u żżidhom jew taġġornahom jekk tixtieq li t-tariffa superviżorja tiegħek tiġi ddebitata direttament mill-BĊE. Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat *email* lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu;
2. Ipprovi **notifika tad-debitur tat-tariffa** (applikabbli biss għal gruppi bankarji sorveljati) jekk ikun ġie stabbilit grupp bankarju **ġdid** jew jekk ikun hemm bidla fl-istruttura tal-grupp li taffettwa lill-kap tal-grupp jew lid-debitur tat-tariffa nominat. Uża l-[formola tan-notifika tad-debitur tariffarju](#) għal dan il-għan. Il-formola tista' tiġi sottomessa bħala fajl PDF f'email mibgħuta lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu;
3. **Issottometti notifika tal-intenzjoni li teskludi assi totali u/jew espożizzjoni għar-riskju** (applikabbli biss għal gruppi bankarji) li jikkorrispondu għal sussidjarji mhux MSU (fejn applikabbli). Din in-notifika tiżgura li aħna nkunu konxji minn liema debituri tariffarji nistennew fatturi ta' ħlas f'Novembru 2021, biex jiġi żgurat li l-proċess ta' ġbir jimxi sewwa. Mill-perjodu tariffarju tal-2021 dawn in-notifiki għandhom jiġu sottomessi permezz tal-portal online u

m'għandekx għalfejn tissottometti formola permezz tal-email. Istruzzjonijiet dettaljati huma pprovduti fit-Taqsima 3.3 tal-manwal għall-utent disponibbli fil-portal online. Jekk ma tasal l-ebda notifika sal-iskadenza, jiġi preżunt li l-grupp bankarju ma jixtieqx inaqqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji li mhumiex MSU u għalhekk ir-rappurtar finanzjarju (FINREP) u dejta tar-rappurtar komuni (COREP) disponibbli fil-BĊE jerġgħu jintużaw. Notifiki li jaslu tard ma jistgħux jiġu aċċettati.

Sal-11 ta' Novembru 2021, fejn applikabbli, id-debituri tariffarji huma mitluba jissottomettu l-fatturi tat-tariffa lill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti (NCA). Qabel ma tibda l-proċedura fil-ħarifa tal-2021, il-BĊN se jipprovdu lid-debituri tariffarji b'istruzzjonijiet aġġornati dwar kif jissottomettu l-fatturi tariffarji billi jużaw il-mudelli rispettivi.

Jannar 2022: Il-fatturi ta' ħlas għad-debituri tariffarji kollha se jiġu ppubblikati permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Id-debituri tariffarji ser ikollhom 15-il ġurnata biex janalizzaw u jikkumentaw dwar il-fatturi tariffarji ppubblikati fil-portal. Email ta' notifika li tħabbar id-disponibbiltà tal-fatturi tat-tariffa fil-portal online tal-BĊE kif ukoll il-bidu tal-perjodu tar-reviżjoni tintbagħat lid-debituri kollha tat-tariffa bl-użu tal-indirizz tal-email preferut irregiġtrat permezz tal-portal online.

Marzu 2022: Il-BĊE se jippubblika l-ammont totali li għandu jkun intaxxat għall-perjodu tat-tariffa 2021 u l-istima tal-ammont totali li għandu jiġi impost għall-perjodu tat-tariffa 2022.

Mejju 2022: L-avviżi tariffarji se jkunu disponibbli permezz tal-portal onlajn tal-BĊE fil-lingwa preferita tal-UE tad-debitur tariffarju, sakemm il-preferenza lingwistika tkun indikata qabel ma l-korrispondenza tiġi prodotta fis-sistema. Istruzzjonijiet dwar kif tagħżel il-lingwa għall-korrispondenza jistgħu jinstabu fit-Taqsima 3.1 tal-manwal tal-utent fil-portal.

Ġunju 2022: Skadenza tal-ħlas tat-tariffa: 35 jum wara l-ħruġ tal-avviż tariffarju.

Iktar dettalji dwar il-qafas tariffarju jistgħu jinstabu fit-taqsima [Tariffi superviżorji](#) tal-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE, inkluż aġġornament tal-informazzjoni tas-suġġetti li ġejjin.

- Kif [tikkalkula t-tariffa tiegħnek](#). Din il-paġna fiha informazzjoni Prattika biex tippermetti li tiġi stmata t-tariffa annwali għal debituri tariffarja individwali għall-perjodu tariffarju 2021. Tinkludi l-istima tat-tariffa superviżorja annwali tal-2021 kif ppubblikat fil-Kapitolu 6 tar- [Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji2020](#). L-ispiża annwali eżatta tkun magħrufa wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena kkonċernata u se tiġi ppubblikata f'Marzu 2022 fir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji 2021;
- Obbligi tad-[debitur tariffarju](#). Din it-taqsima tipprovdi informazzjoni li dwarha l-gruppi bankarji għandhom jibagħtu il-formola tan-notifika tad-debitur tariffarju jew formola aġġornata, inkluż il-[formola ta' notifika ta' debitur tariffarju ġidida](#);
- [Fatturi tariffarji](#). Din it-taqsima tagħti dettalji dwar l-użu mill-ġdid ta' dejta superviżorja, kif ukoll informazzjoni dwar kif għandhom jiġu sottomessi fatturi ta' tariffa għal dawk li għad għandhom bżonn jipprovduhom;

- Il-ħruġ ta' informazzjoni [relata ma' avviżi tariffarji u ħlas](#);
- Gwida Prattika addizzjonali fit-[taqsima tal-mistoqsijiet komuni](#).

Għal kwalunkwe mistoqsija dwar l-obbligi tiegħek bħala debitur tariffarju, jew kwalunkwe mistoqsija oħra relatata mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok ikkonsulta t-[taqsima Tariffi Superviżorji tal-websajt tas-Superviżjoni Bankarja](#) tal-BĊE. Il-BĊE huwa lest ukoll jipprovdi l-għajnuna meħtieġa, l-aħjar permezz tal-email (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Tislijiet,

It-tim tal-informazzjoni dwar it-tariffi MSU tal-BĊE